MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 78/2004

**Multigas Limited**

**vs**

**Peter Muscat**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 24 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut naqas milli jkompli jhallas il-kera dovuta lill-atturi ghalll-makkinarju mehud fuq skrittura tal-14 ta' Mejju 2003, tablet li l-konvenut ikun ordnat jirritorna lill-atturi l-pussess tal-makkinarju tal-welding Plasma set X1103 u dan fi zmien qasir u perentorju fissat minn din il-Qorti u fin-nuqqas li taghmel dan thallas lill-atturi l-ammont ta' elf u sitta u erbghin lira Maltin (Lm1, 046) valur tal-istess;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Frar 2004 u tal-mandat ta’ qbid prezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut naqas milli jkompli jhallas l-kera dovuta lill-atturi ghall-makkinarju mehud fuq skrittura tal-14 ta’ Mejju 2003 u ghalhekk tordnalu jirritorna l-makkinarju tal-Welding Plasma set X1103 fi zmien gimgha mill-lum lill-atturi u fin-nuqqas ihallas lill-atturi l-valur ta’ elf u sitta u erbghin lira Maltin (Lm1,046) valur tal-istess oggett bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------